

31976R1503

28.6.1976

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 168/1

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1503/76
tal-21 ta' Ġunju 1976**

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Koperazzjoni Kummerċjali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Pakistan

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Artikolu 2

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 114 tiegħu,

Il-President tal-Kunsill għandu jinnotifika l-Parti Kontraenti l-oħra, skond l-Artikolu 15 tal-Ftehim, li jkunu ntemmu, fir-rigward tal-Komunità, il-proċeduri neċessarji sabiex dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ ⁽¹⁾.

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim ta' Koperazzjoni Kummerċjali nnegozjat bejn il-Komunità u r-Repubblika Islamika tal-Pakistan irid jiġi konkluż,

Artikolu 3

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Il-Komunità għandha tkun irrappreżentata fi ħdan il-Kummissjoni Konġunta kif previst fl-Artikolu 8 tal-Ftehim mal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, assistita minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri.

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Koperazzjoni Kummerċjali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Pakistan, li t-test tiegħu huwa anness ma' dan ir-Regolament, qiegħed hawnhekk jiġi konkluż għan-nom tal-Komunità.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fil-21 ta' Ġunju 1976.

*Fisem il-Kunsill**Il-President*

J. HAMILIUS

⁽¹⁾ L-iskambju ta' l-istrumenti tan-notifika li jkunu ntemmu l-proċeduri neċessarji għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Koperazzjoni Kummerċjali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Islamika tal-Pakistan, iffirmit fi Brussel fl-1 ta' Ġunju 1976, wara li kien sar fil-25 ta' Ġunju 1976 fi Brussel, dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ, skond l-Artikolu 15 tiegħu, fl-1 ta' Lulju 1976.